# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru.1420

Kaz Nru. 1674

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

bejn

Rose Zammit

u

The Golden Shepherd Group Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

illum il-Erbgha 25 ta' Gunju 2003

**Chairman: Is-Sur Carmel Debono**

1. **Introduzzjoni**.

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet irriferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata d-9 ta' Lulju 2002 Ref. MSP/TI/58/2002 biex tigi pprocessata skond Artiklu 28(2) tal-Att dwar Relazzjonijet Industrijali (Kap. 266).

L-appellanti Mrs Rose Zammit kienet assistita mill-Avukat Dr. Michael Sciriha LL.D. li fit-tielet seduta gie sostitut mill-Avukat Dr. Angelo Farrugia LL.D. waqt li s-Socjeta' kienet rapprezentata mit-Tabib Dr. Frank Portelli, *Chief Executive*,

assistit mill-Avukat Dr. Arthur Galea Salomone LL.D. u l-Avukat Dr. Andrew Zammit LL.D.

It-Tribunal zamm seba' (7) seduti.

**2. Oggezzjoni Preliminari.**

Peress li fl-origini tal-kwistjoni l-okkju kien jidher bhala 'St. Philip Hospital', ic-Chairman kellu jiddeciedi kellux ikun hemm bidla fl-okkju ghal "The Good Shepherd Group Ltd", bidla li kienet oggezzjonata mill-parti appellata.

Fir-raba' seduta tal-11 ta' Dicembru 2002, it-Tribunal iddecieda dwar l-oggezzjoni u ddikjara li l-okkju kellu jinbidel sabiex isir "The Golden Shepherd Group Ltd".

**3. Dokumenti.**

Tul is-smiegh tal-kwistjoni gew esebiti u pprezentati diversi dokumenti. Fost id-dokumenti esebiti kien hemm:

(a) certifikat tat-Tabib Dr. David E. Cefai datat is-17 ta' Awissu 2002;

(b) fotokopja ta' *Letter of Referral* tat-Tabib Dr. Stefan Fenech, datata t-30 ta' April 2002 b'*covering letter* tal-Avukat Dr. Andrew Zammit datata l-25 ta' Ottubru 2002;

(c) rekord tas-*sick leave* ta' l-appellanti u fotokopji tac-certifkati;

(d) fotokopja ta' rapport tal-Pulizija mis-Surgent Francis Bezzina fl-ghassa ta' B'Kara (Distrett 8) datat id-19 ta' Dicembru 2002 dwar rapport li kien sar fis-27 ta' Mejju 2002 mis-Sinjura Pauline Borg;

(e) fotokopja ta' *statement* dwar l-appellanti fuq il-firma tat-Tabiba Dr. Corinne Markham, impjegata f'St. Philip Hospital.

**4. Xhieda.**

Tul is-smiegh tal-kwistjoni taw l-evidenza taghhom is-segwenti xhieda:

Mrs Rose Zammit – l-appellanti;
Mr Alfred Gatt – *Obstetrician* fl-Isptar San Luqa;
Is-Sur France Bezzina *PC 508* – Surgent tal-Pulizija;
Mrs Catherine Bland – *Ward Manageress;*
Mrs Jenny Portelli – *Matron*;
Mrs Pauline Borg – mara tad-dar;
Dr. Frank Portelli M.D. – *Chief Executive*;
Dr. David E. Cefai M.D. – Tabib ta' l-appellanti;
Dr. Stefan Fenech M.D. – Tabib ta' St Philip Hospital;

**5. L-Istorja.**

L-appellanti Mrs Rose Zammit kienet giet impjegata bhala *Enrolled Nurse* fl-1 ta' Ottubru 2001 wara li kienet ghal xi zmien qabel tahdem bhala "part-timer". L-impjieg ta' l-appellanti ma' The Golden Shepherd Group Ltd fl-Isptar St. Philip gie tterminat fit-12 ta' Gunju 2002, bir-raguni fuq il-Formola tal-E.T.C. bhala "dismissed" u dan waqt il-process deskritt ikkagunat minn abbuz tas-*sick leave* ghall-granet bejn l-1 u l-5 ta' Gunju 2002 li ma kienx gie kopert minn certifikat mediku tat-tabib privat. Ir-raguni l-ohra sottomessa fl-*Istatement of Case* tas-Socjeta' tiddikjara li s-Socjeta' tilfet il-fiducija fl-appellanti minhabba li f'ghajnejn is-Socjeta' kien hemm nuqqas fid-dedikazzjoni u d-dmirijet taghha. Kif ukoll naqset li tobdi l-istruzzjonijiet legittimi tal-*management*.

**6. Sottomissjonijiet.**

Is-Socjeta' ssottomettiet li t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellanti kienet ghall-raguni tajba, stante li ma setghetx taccetta lill-appellanti tinjora u tmur kontra l-ordnijiet legittimi tas-Socjeta', meta naqset li tkopri s-*sick leave* taghha bic-certifikat tat-tabib taghha skond il-procedura stabbilita bil-Ligi dwar is-*sick leave*.

Barra minn dan is-Socjeta' ma setghetx tittollera n-nuqqas ta' diligenza ta' l-appellanti ghad-doveri taghha, u li tkun involuta fi kwestjoni estraneja, li

ghalkemm wiehed jista' jqisha ta' natura privata, izda li zgur kienet qieghda teffettwa d-diportament ta' l-appellanti fuq id-dmirijiet taghha.

L-appellanti kkontendiet li ma kinitx abbuzat mis-*sick leave* meta ma producietx ic-certifkat tal-mard mit-tabib taghha, ghar-raguni li hi kienet intbghatet tistrieh id-dar minn tabiba mpjegata fl-istess sptar li kienet tahdem.

Irriteniet li dejjem kopriet is-"sickness" taghha bic-certifikat u kienet biss fl-ahhar okkazjoni ta' l-indispozizzjoni taghha li ma pproducietx ic-certikat mediku.

Ghar-rigward ta' l-akkuza li d-diportament taghha kien wiehed li johlog incertezza dwar l-abbilita' taghha li tkopri d-doveri taghha, l-appellanti rrispondiet li dan ma kienx minnu ghax kien hemm okkazzjonijiet meta baqghet tahdem wara l-hin minn jedda. U meta talbet tabib residenti biex ghin bint habib taghha tinghata preferenza ghat-*treatment* fl-Isptar St.Luke's, dan ma kienx biex tipprofitta mill-pozizzjoni taghha fl-isptar St. Philip izda biss sar b'mottiv umanitarju.

## 7. Kunsiderazzjonijiet.

It-Tribunal jibda biex jiddikjara li ma hemmx kontestazzjoni dwar in-nuqqas ta' l-appellanti li tkopri l-hamest ijiem li kienet indisposta bejn l-1 u s-6 ta' Gunju 2002, hamesti jiem b'certifkat tat-tabib taghha.

Lanqas ma hemm kontestazzjoni dwar l-erba' (4) okkazzjonjiet ta' "sickness" precedenti, total ta' tmientax-il gurnata, li kienu kollha koperti bic-certifikat mediku tat-tabib privat taghha. Lanqas ma hemm dubju li l-appellanti ntbaghtet id-dar fit-28 ta'Mejju 2002 biex tistrieh mit-tabiba residenti Dr. Corinne Markham wara li din attenditha. Dan fil-fehma tat-Tribunal ma jikkostitwixxix abbuz tas-*sick leave* izda galadarba ma kienx kopert b'certifikat mediku, kellu jirrendi lill-appellanti eligibbli ghal hlas tas-*sick leave* mis-Socjeta'. Fil-fehma tat-Tribunal, l-*istatement* tat-Tabiba Markham huwa konferma li l-appellanti kellha l-bzonn tal-mistrieh u kwindi ma kienx hemm bzonn ta' certifikat mediku privat ghajr biex jirrendi lill-appellanti eligibbli ghal-hlas tal-granet li kienet indisposta u lis-Socjeta' eligibbli ghar-rifond tas-*sick leave* mill-Gvern.

Jidher wkoll li l-appellanti kienet ghaddejja minn fazi difficli u delikata ta' "pregnancy", li zgur kellu mpatt fuq l-attitudni generali taghha.

Ghar-rigward ta' l-intervent ta' l-appellanti biex tikseb l-ghajnuna permezz *ta' Letter of Referral* tat-tabib residenti halli bint certu Paul Borg tinghata precedenza fl-isptar St Luke's, it -Tribunal ma jara l-ebda abbuz mill-pozizzjoni li l-appellanti kienet tokkupa.

It-Tribunal Industrijali huwa konxju li kien hemm fatturi ohra fil-konfront ta' l-appellanti u li dwarhom kienu saru rapporti minn persuna privata lill-pulizija fl-

ghassa ta' Birkirkara, izda dawn kienu ta' natura privata u personali li ma kienux jinvolvu l-amministrazzjoni tas-Socjeta'. It-Tribunal ma jeskludix izda li s-Socjeta' fehmet li dawn setghu kellhom effett fuq is-servizz li kienet mehtiega tipprovdi l-appellanti.

Minn naha l-ohra t-Tribunal Industrijali japprezza l-impenn tas-Socjeta' li tkun sodisfatta mill-qadi tas-servizz tal-impjegati, f'dan il-kaz ta' l-appellanti bhala *Enrolled Nurse.*

Jifhem ukoll is-sitwazzjoni fizika li kienet fiha l-appellanti f'dak iz-zmien meta l-appellanti kienet ghaddejja minn perjodu ta' anzjeta'.

Tajjeb li f'dan l-istadju t-Tribunal Industrijali jinnota u jfakkar li Mrs Catherine Bland, *Ward Manageress* fl-Isptar St. Philip xehdet li s-servizz ta' l-appellanti kien wiehed tajjeb.

Tutto sommato, tenut kont ic-cirkostanzi kollha, fil-fehma meqjusa tieghu t-Tribunal Industrijali jidhirlu li dan il-kaz seta gie ttrattat ahjar minghajr ma s-Socjeta' tonqos fis-servizz li tipprovdi fl-Isptar St Philip u minghajr ma tinvoka t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellanti. Dan ma jfissirx li l-appellanti ma kkommettietx xi nuqqasijiet izda ghandu ghax jibza li kwistjoni privata li fiha kienet involuta l-appellanti setghet influwenzat lis-Socjeta' fid-decizjoni taghha li tittermina l-impjieg ta' l-appellanti.

**Decizjoni**

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-*iStatements of Case* tal-partijiet, ra u kkunsida d-dokumenti esebiti u pprezentati, sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali tal-partijjiet dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tieghu citati hawn fuq isib:

Li tenut kont tas-sitwazzjoni fizika partikolari li kienet ghaddejja minnha l-appellanti, it-Tribunal Industrijali hu sodisfatt li l-appellanti ma abbuzatx *mis-sick leave*, meta f'kull okkazzjoni precedenti dejjem ipproduciet ic-certifikat mediku tat-tabib privat taghha u kien biss fl-ahhar okkazzjoni li naqset tghamel dan. Lanqas ir-rekord tal-mard taghha ma jista' jigi meqjus fic-cirkostanzi bhala wiehed eccessiv u/jew abbuzziv. Ghar-rigward ta' l-intervent taghha meta assistiet persuna biex tottieni "Letter of Referral" ghall l-Isptar St Luke's minn tabib residenti tas-Socjeta' fl-Isptar St Philip, fil-fehma tat-Tribunal l-appellanti ma abbuzatx mill-pozizzjoni taghha ta' *Enrolled Nurse.*

It-Tribunal Industrijali ma huwiex sodisfatt li l-akkuzi principali kontra l-appellanti kienu jiggustifikaw it-terminazzjoni tal-impjieg taghha u li ghalhekk u ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jsib u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg ta' l-appellanti ma jikkwalifikax bhala wiehed tajjeb u sufficcjenti skond il-ligi.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li l-appellanti Rose Zammit ghandha tinghata kumpens mis-Socjeta' *The Golden Shepherd Group Ltd* fis-somma ta' Elf, Mija u ghoxrin Liri Maltin (Lm1120) li jithallsu sa mhux aktar tard minn tletin (30) jum mid-data ta' din id-Decizjoni.

Ghall-finijiet ta' drittijiet li jithallsu it-Tribunal qieghed jiffissa dawn fis-somma ta' erbghin Liri Maltin (Lm40) lil kull wiehed mid-difensuri li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Carmel Debono

Chairman